IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru31 (Wieħed u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 4ta' Jannar 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| **Skuzati:** | |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   Kulħadd preżenti. Nicole Buttiġieġ skużata.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Impjant SSTP - Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa bejn il-MEPA u l-WSC fejn kien hemm qbil fuq il-permess. Is-Sur Johann Buttigieg, CEO MEPA talab lis-Sur William Wait, Chairman, CEO WSC sabiex issir laqgħa oħra flimkien fejn ikun preżenti wkoll il-Kunsill. Il-Kunsill irid aktar dettalji bil-miktub fuq dan il-permess u fuq x'ser isir eżattament, inkluż x'sigar ser jinżergħu. Il-Kunsill ma jridx aktar risposti minn terzi persuni imma direttament

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX XGĦAJRA

minn dawn l-awtoritajiet bil-miktub. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb dirett lill Mepa u l-WSC li jridu jkunu nvoluti f'dawn il-laqgħat.

L-irwejjaħ reġgħu qed ikunu qawwijin. Dan wara li ġejna nfurmati li nqasmet katusa u kien hemm żbroff propju fit-30 ta' Diċembru. Dakinhar is-Sinjorina Elaine Saliba cemplet lis-Sindku u spjegatlu x'kien qed jiġri wara li beda ħiereg likwidu skur qisu detergent fit-triq u fuq il-blat. Appena l-WSC indunaw b'dan il-likwidu intefa' materjal ieħor biex inaddfu pero' spiċċa li żdied aktar.

Għal dan l-episodju ġew ukoll tal-aħbarijiet fejn ħadu filmati fuq il-post. Il-Kunsill jitlob għal aktar attenzjoni f'każi bħal dawn anke minħabba l-fatt li hemm CCTV cameras fuq il-post u wieħed seta' faċilment jinduna aktar kmieni u jevita dawn il-konsegwenzi.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Rampa Sports Complex Triq il-Fortizza tal-Grazzja – Is-Sindku qal li Trasport Malta aċċettat li tagħmel din ir-rampa u propju nhar it-12 ta' Jannar ser niltaqgħu mal-Perit Charlene Bonnnici fejn ser ikun preżenti wkoll il-kuntrattur.

Għal din ir-rampa kienu diġa' saru l-livelli u minħabba li kienet waqgħet it-triq kellhom jordmu t-terrapin. Għalhekk issa jridu jġibu ammont kbir ta' trakkijiet biex ineħħu dan ir-radam kollu.

Kif titlesta din ir-rampa kif suppost għandu jsir is-sotto bank biex ikun jista' jsir il-fencing.

Bħala fondi għall-fencing il-Kunsill qabel li jintużaw dawk tal-UIF fejn għandna a dispozizzjoni tagħna €14,000.

Rigward il-fondi tal-Proġetti Kapitali, is-Sindku qal li l-Awditur Ġenerali ma sab xejn ħażin u suppost f'Jannar ser jiġu kkonfermati. B'hekk ikun jista' jkompli x-xogħol.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Qbil u astenżjoni waħda tas-Sinjura Doris Borg.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX XGĦAJRA

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 *Il-Kunsill tkellem fuq il-plot tal-Gvern li hemm fi Triq Karmelo Ritchie fejn qed tissemma li* din l-art ser tinħareġ għal bejgħ lil privat. S'issa għadu ma sar xejn fuqha u għalhekk il-Kunsill jixtieq jipprova jitlob biex din l-art tiġi devoluta lilu sabiex tiġi mibdula fi ġnien żgħir. Is-Segretarju ser jieħu ħsieb li jitlob aktar informazzjoni fuq din l-art mal-Lands u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

6a Item Nru. 6a fuq l-Aġenda – Ftuħ ta' kwotazzjoni tal-Live Streaming

6a.1 Kwotazzjonijiet Live Streaming – Is-Segretarju ppreżenta l-kwotazzjonijiet li rċevejna fejn kellna tnejn, waħda mingħand Smart Technologies u oħra mingħand Correct Termination Ltd.
L-offerta ta' Smart Technologies kienet tammonta għal €2,716 inkluż il-VAT u ta' Correct Termination Ltd. tammonta għal €2,330 inkluż il-VAT.

Għalhekk il-Kunsill qabel li tiġi aċċettata l-offerta ta' Correct Termination Ltd għaliex hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Ħaddiema

7.1 Performance Bonus tal-impjegati –
Is-Sindku spjega li f'din is-seduta irridu napprovaw il-Bonus ta' l-istaff tal Kunsill.
Il-Kunsill tax-Xgħajra għandu tlett (3) impjegati. Dawn huma:

- Ranier Busuttil – Segretarju Eżekuttiv
- Josette Camilleri
- Rita Said

Is-Sindku spjega li għall-impjegati klerikali il-bonus hu ta' massimu ta' 6% u għas-Segretarju Eżekuttiv ta' 10% u li dawn iċ-ċifri dejjem inagħtaw fil-massimu tagħhom tul dawn l-aħħar 15-il sena.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

Is-Sindku kompla jispjega li filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv hu nkarigat li jirrakomanda l-performance bonus taż-żewġt impjegati klerikali, Is-Sindku hu nkarigat li jirrakkomanda tas-Segretarju Eżekuttiv. F'kull każ dawn l-istimi jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn fil-każ tal-impjegati klerikali jiġu mħallsa dawn il-Bonuses direttament u fi-lkaż tas-Segretarju Eżekuttiv irid jiġi approvat mid-Dipartiment qabel jitħallas.

Is- Sindku ppropona li Messrs. Josette Camilleri u Rita Said jieħdu 6% waqt li is-Sur Ranier Busuttil jieħu 10%.
l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

8.1 Attivitajiet ta' Jannar – Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ qalet li l-ħarġa kulturali li jmiss hija nhar il-21 ta' Jannar għalhekk importanti li noħorġu b'aktar ideat ta' fejn nistgħu mmorru.

8.2 Health Talks – Is-Sinjura Buttiġieġ qalet li l-health talks li jmiss ser isiru nhar it-12 u s-26 ta' Jannar. Is-suġġetti li ser jiġu trattati huma d-Diabete u nutriżmu aħjar. Kulħadd huwa mistieden jattendi u għalhekk ser nagħmlu avviżi fuq il-facebook u anke avviżi fil-knisja u notice boards.

8.3 Attivita' tal-Karnival – Il-Kunsill għadu ma rċieva xejn mid-Dipartiment rigward l-applikazzjoni li għamilna għal attivita' tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li jintalab aġġornament għaliex issa dieħel iż-żmien.

8.4 Attivita' tal-Milied – Is-Sur Neil Attard qal li din l-attivita' kienet ta' suċċess fejn kulħadd iddeverta u l-attendenza kienet waħda nkuraġġjanti u ta' sodisfazzjon.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

9.1 Is-Sur Joseph Azzopardi qal li kellna laqgħa ma' tar-restaurant El Catalan fejn talbu li jagħmlu modifika fil-parti fejn hemm l-imwejjed u jiġu nstallati umbrelel fissi li ser ikunu aktar baxxi milli hemm fil-preżent.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Il-Kunsill qabel li jrid isir ftehim bil-miktub fuq pjan ta' manutenzjoni ingenerali tal-ġnien kollu inkluż il-bdil tal-bandli u t-tapit. Għalhekk ser ikollna aktar aġġornament fil-laqgħa li *jmiss biex naraw pjanti tal-proposta tal-umbrelel.*

9.2 Ħaddiema tal-ETC – Is-Sindku qal li dawn il-Ħaddiema tal-ETC kollha ser jinġabru ma' kumpanija tal-Gvern u jekk inkunu irriduhom ikunu jridu jagħmlu 40 siegħa fil-ġimgħa u jingħataw paga minima.

9.3 Vandaliżmu – Is-Sindku qal li kellna vandaliżmu fil-bandli fejn xi ħadd mhux identifikat ċaqlaq xi ċnagan. Il-Kunsill qiegħed jipprova jara x'inhi l-possibilta' li jsiru aktar cameras mal-belveder u skips.

10. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal Ħamis, 11ta' Frar 2016, fil-5.30pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt